# Passaport għad-Demokrazija Ewropea

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

# Passaport għad-Demokrazija Ewropea
## Il-Gwida Tiegħek għal Ċittadinanza Attiva fl-Unjoni Ewropea

Merħba fl-Unjoni Ewropea (UE), l-ewwel demokrazija transnazzjonali u parteċipattiva tad-dinja. Bħala ċittadin/a tal-UE, inti għandek id-dritt kostituzzjonali li tinfluwenza r-regoli li japplikaw għal kważi 450 miljun persuna fuq żona ta' aktar minn 4 miljun km2 f'27 Stat Membru. Issa jaf tgħid: tajjeb ħafna, iżda KIF nista' nsemma' leħni fil-prattika? Din il-pubblikazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) twieġeb din il-mistoqsija. Din hija l-gwida tiegħek għal ċittadinanza attiva fl-UE.




F'dan it-test, se ssib għajnuna u gwida dwar kif issemma' leħnek billi l-ewwel tistaqsi xi mistoqsijiet bażiċi. Il-ħaġa li tixtieq tindirizza hija ġenwinament kwistjoni Ewropea – jew forsi jkun aħjar li tibda fil-livell lokali minflok? U jekk se tindirizza l-idea tiegħek fil-livell Ewropew, liema hu l-aktar mod sinifikanti u ta' suċċess biex jirnexxilek tagħmel dan? Ikun biżżejjed li sempliċement tibgħat email lill-Membru tal-Parlament Ewropew tiegħek – jew forsi tressaq petizzjoni direttament quddiem il-Parlament Ewropew? Għax ma tingħaqadx ma' organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili jew saħansitra ma' partit politiku u tikkontesta elezzjoni inti stess? Jew forsi tista' torganizza u tappoġġja Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej biex tistabbilixxi l-aġenda għal-leġiżlazzjoni?

Dan il-Passaport għad-Demokrazija Ewropea, li ġie rriċerkat u nkiteb minn Bruno Kaufmann, huwa aġġornat u ppubblikat mill-KESE u huwa disponibbli b'24 lingwa uffiċjali. Din il-gwida hija mfassla biex tgħinek fil-kwistjonijiet relatati maċ-ċittadinanza attiva u d-demokrazija parteċipattiva fl-Unjoni Ewropea: iż-żmien opportun (meta għandek issir attiv?), it-timijiet (ma' min għandek tissieħeb?), u l-għodod (liema strument parteċipattiv disponibbli għandek tuża?).

**Leħnek! L-Ewropa tiegħek! Il-Passaport tiegħek għad-demokrazija u ċ-ċittadinanza attiva fil-livell Ewropew!**

5 | **GWIDA TA' MALAJR**
għal Ċittadinanza Attiva Ewropea

8 | **NAVIGATUR**
għas-setgħa tal-poplu fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u transnazzjonali

10 | **IS-SEHEM TIEGĦI FL-EWROPA**
Merħba fix-xena l-kbira tal-politika Ewropea

12 | **KIF IĠĠIBHA ŻEWĠ**
L-idea, il-kwistjoni, il-mument, it-tim u l-għodda tiegħek

14 | **KWISTJONIJIET EWROPEJ**
mill-agrikoltura sar-riċerka

16 | **SETT TA' GĦODOD GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI**
Ilment, parir, konsultazzjoni, inizjattiva u modi oħra

19 | **GWIDA GĦALL-IĊE**
Kif tuża l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

33 | **PONT TRANSNAZZJONALI**
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

35 | **AKTAR APPOĠĠ**
L-appoġġ issibu kullimkien – kulma għandek tagħmel huwa li tużah

Dan il-**Passaport għad-Demokrazija Ewropea** huwa ta'

..........................................................................................................
(Isem)

..........................................................................................................
(Dettalji ta' kuntatt)

li huwa/hija ċittadin/a eliġibbli ta' (immarka jekk applikabbli)

O Il-muniċipalità ta' ..........................................................................................................

O Id-distrett/ir-reġjun/il-provinċja ta' ..........................................................................................

O ......................................................................................................... (isem il-pajjiż)

O **L-Unjoni Ewropea**

O ......................................................................................................... (entità politika oħra)

O ......................................................................................................... (entità politika oħra)

Għadek mhux ċert/a dwar l-istatus taċ-ċittadinanza tiegħek stess? Iċċekkja l-passaport (tal-ivvjaġġar) jew il-karta tal-identità nazzjonali tiegħek jew ikkonsulta uffiċjal għall-informazzjoni fil-post fejn tgħix. Għal aktar għajnuna dwar kif tuża din il-pubblikazzjoni, ikkuntattja lil citizensinitiative@eesc.europa.eu.

# GWIDA TA' MALAJR
## għal Ċittadinanza Attiva Ewropea

### 1. Dawn huma d-drittijiet ewlenin tiegħek

L-istatus ta' "ċittadin/a tal-UE" jipprovdi erba' tipi ta' drittijiet u libertajiet politiċi:

- li tiċċaqlaq, tgħix u taħdem liberament fit-territorju tal-UE;
- li tiġi protett/a mill-awtoritajiet diplomatiċi ta' kwalunkwe Stat Membru meta tkun barra l-UE;
- li tivvota u tikkontesta elezzjonijiet fil-livell lokali u tal-UE fi kwalunkwe Stat Membru;
- li tipparteċipa fil-proċess leġiżlattiv tal-UE, billi pereżempju tressaq petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew jew torganizza/tappoġġja Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE).

### 2. Ftit storja

Id-data tal-1 ta' Novembru 1993 tfakkrek f'xi ħaġa? Dakinhar, iċ-ċittadini tal-Istati Membri kollha kisbu status legali ġdid bħala "ċittadini tal-Unjoni Ewropea". Dakinhar, il-"Komunità Ewropea" (ekonomika) saret l-"Unjoni Ewropea" (politika). Dan kien u għadu pass dinji u storiku bla preċedent – l-ebda ċittadin ieħor fid-dinja ma għandu drittijiet transnazzjonali biex jipparteċipa b'mod attiv fit-tfassil tal-leġiżlazzjoni fl-istati nazzjon kollha. Minn dakinhar 'l hawn, id-drittijiet formali biex issemma' leħnek issaħħew b'mod sistematiku, l-iżjed bl-introduzzjoni tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE) fl-2012. Din l-għodda kompliet tiġi aġġornata fl-2020, u b'hekk inħolqu opportunitajiet aħjar biex issemma' leħnek.

### 3. Għadek m'intix ċittadin/a tal-UE?

Hemm mod wieħed biss kif tista' ssir ċittadin/a tal-Unjoni Ewropea. Trid tkun jew issir ċittadin/a eliġibbli ta' wieħed mis-27 Stat Membru (bħalissa). Fi kliem ieħor, ma hemm l-ebda mod ieħor kif tikseb dan l-istatus mingħajr ma tkun ċittadin/a ta' wieħed mill-Istati Membri. Iċ-ċittadinanza tal-UE tikkomplementa ċ-ċittadinanza lokali, reġjonali u nazzjonali – iżda qatt ma tissostitwixxiha. F'numru dejjem jikber ta' Stati Membri, inti eliġibbli li tappoġġja inizjattiva taċ-ċittadini (speċjalment IĊE) u li tipparteċipa f'elezzjonijiet meta jkollok 16-il sena, filwaqt li fi stati oħra trid tistenna sakemm ikollok 17 jew 18-il sena.

▶▶ *Aktar informazzjoni dwar l-età minima biex tivvota fl-elezzjonijiet u/jew tappoġġja IĊE skont il-pajjiż: europa.eu/citizens-initiative/data-requirements_mt*

# Attiva ċ-Ċittadinanza tal-UE tiegħek issa!

## Kun informat/a!

Għandek id-dritt li tkun taf eżatt x'inhu jiġri fl-Unjoni Ewropea, u għalhekk tista' titlob u tirċievi informazzjoni dwar prattikament kull ħaġa li qed tagħmel l-UE. Għandek ukoll id-dritt legali ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE, dritt li huwa stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 42) u fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 15).

Is-servizz Europe Direct iwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-UE – bil-lingwa tiegħek [europa.eu/europedirect, tel.: 00 800 6 7 8 9 10 11 (fost il-ġimgħa, 09:00-18:00 CET)]. Għandek tirċievi tweġiba inizjali fi żmien tlett ijiem. Is-servizz jinkludi tqassim b'xejn bil-posta ta' (ċerti) pubblikazzjonijiet tal-UE.

## Kun ikkonsultat/a!

Peress li l-Unjoni Ewropea għandha impatt kbir fuq il-ħajja tiegħek ta' kuljum, huwa importanti li tkun taf li hemm obbligu legali li l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi fl-UE jrid ikun miftuħ u reattiv. Għal din ir-raġuni, l-istituzzjonijiet tal-UE huma obbligati "[j]żommu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari" (l-Artikolu 11(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), magħruf ukoll bħala t-Trattat ta' Liżbona) u għandhom jagħmlu "konsultazzjonijiet wiesgħa mal-partijiet konċernati" "[s]abiex [j]assigura[w] li l-azzjonijiet tal-Unjoni jkunu koerenti u trasparenti" (l-Artikolu 11(3) tat-TUE).

▶▶ *Is-servizz "Semma' leħnek" huwa "punt ta' aċċess" uffiċjali għall-konsultazzjonijiet li għaddejjin u għad-diskussjonijiet pubbliċi relatati mal-proċessi tat-tfassil tal-politika Ewropea. Meta tirreġistra, tista' tabbona għal notifiki bl-email u tista' anke tiġi mistieden tipparteċipa fi proċessi ta' konsultazzjoni formali: ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say*



## Ipparteċipa!

L-Unjoni Ewropea hija demokrazija rappreżentattiva moderna, fejn iċ-ċittadini jikkogvernaw kemm b'mod indirett (permezz tal-istituzzjonijiet) kif ukoll b'mod dirett (permezz tal-għodod parteċipattivi). Il-karti fundamentali, it-trattati u l-liġijiet tal-UE jikkonformaw mal-Artikolu 21 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, li tistipula li "kulħadd għandu d-dritt li jieħu sehem fil-gvern ta' pajjiżu b'mod dirett", u, għall-ewwel darba fl-istorja tad-dinja, iqiegħdu din il-prattika fil-livell transnazzjonali. Fi kliem ieħor: għandek kull dritt u nistednuk bi pjaċir tipparteċipa b'mod attiv fil-proċess tat-tfassil tal-politika tal-UE, pereżempju billi tingħaqad ma' partit politiku rrappreżentat fil-Parlament Ewropew [europarl.europa.eu], billi tressaq petizzjoni quddiem il-PE [petiport.europarl.europa.eu] jew billi tieħu sehem fil-Panels taċ-Ċittadini Ewropej [citizens.ec.europa.eu]. L-aktar għodda b'saħħitha għad-demokrazija parteċipattiva fl-UE hija l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej [ec.europa.eu/citizens-initiative], li tippermettilek tistabbilixxi l-aġenda tal-Unjoni Ewropea.

# NAVIGATUR
## għas-setgħa tal-poplu fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u transnazzjonali

### Merħba, super ċittadin/a!

X'jiġri fil-ħajja mhuwiex imnaqqax fil-blat! Hija r-responsabilità tiegħek, ta' ħbiebek u tagħna lkoll li nsemmgħu leħinna – u li nagħmlu beltna, il-provinċja tagħna, pajjiżna, l-Ewropa u d-dinja post aħjar. Tlaqna!

### Posti: il-livell muniċipali

Il-post fejn tgħix x'aktarx huwa l-aktar post importanti għalik f'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċittadinanza attiva u d-demokrazija parteċipattiva. Għalkemm il-muniċipalità tiegħek tista' tkun l-aktar livell baxx ta' awtorità statali, huwa hawn li jittieħdu deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet importanti bħalma huma l-ġestjoni tal-iskart, l-infrastruttura lokali u xi kultant anke l-edukazzjoni primarja u s-servizzi soċjali. Barra minn hekk, il-livell lokali huwa marbut mill-qrib mal-livelli leġiżlattivi fil-livell nazzjonali u dak Ewropew – u jaqdi rwol ewlieni fl-implimentazzjoni ta' diversi regoli u liġijiet.

Hemm kważi 100 000 demokrazija lokali fl-Unjoni Ewropea, u ħafna minnhom huma responsabbli għal parti enormi tal-ġbir ġenerali tat-taxxa u għall-applikazzjoni ta' diversi tipi ta' drittijiet parteċipattivi għaċ-ċittadini tagħhom stess, inklużi l-mezzi indiretti (permezz tal-partiti politiċi u l-parlamenti lokali) u diretti (inizjattivi u referendums).

▸▸ *Iċċekkja ma' uffiċjal għall-informazzjoni fl-amministrazzjoni lokali tiegħek dwar x'impatt tista' tagħmel, kif u meta l-aħjar tagħmlu.*

### Ir-reġjun tiegħi: il-livell provinċjali

Bejn il-muniċipalità tiegħek u pajjiżek, inti għandek (mill-inqas f'25 mis-27 Stat Membru) livell wieħed jew aktar ta' strutturi ta' gvern reġjonali. Bħalissa, hemm madwar 1 500 demokrazija reġjonali bħal dawn fl-UE. F'xi Stati Membri federali, il-provinċji għandhom sovranità konsiderevoli, inklużi kostituzzjonijiet tagħhom stess, setgħat leġiżlattivi estensivi u introjtu komprensiv mit-taxxa – filwaqt li fi Stati Membri oħra tal-UE, il-provinċji/ir-reġjuni prinċipalment jaqdu rwoli amministrattivi (li mhumiex eletti).

Skont l-istatus tal-provinċja/ir-reġjun tiegħek, jista' jkollok aktar jew inqas drittijiet estensivi għall-parteċipazzjoni politika, inklużi mezzi indiretti (permezz tal-partiti politiċi u parlamenti lokali) u diretti (inizjattivi u referendums).

▶▶ *Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni [cor.europa.eu] huwa l-Assemblea tal-Unjoni Ewropea tar-Rappreżentanti Lokali u Reġjonali.*

## Pajjiżi: il-livell nazzjonali

L-Istati Membri huma l-aktar livell importanti ta' governanza fi ħdan l-Unjoni Ewropea, mil-lat ta' setgħat politiċi u legali u l-kontroll tal-fondi pubbliċi. Għal din ir-raġuni, iċ-ċittadinanza tiegħek fi Stat Membru wieħed (jew xi kultant aktar) hija kruċjali għall-kapaċità tiegħek biex issemma' leħnek u biex ikollok impatt fuq il-proċess pubbliku tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Id-disponibbiltà tad-drittijiet politiċi parteċipattivi fil-livell nazzjonali tvarja b'mod konsiderevoli fost is-27 Stat Membru. Filwaqt li l-pajjiżi kollha għandhom drittijiet elettorali, madwar żewġ terzi tal-pajjiżi jippermettu wkoll li ċ-ċittadini jagħmlu l-proposti tagħhom stess permezz ta' petizzjonijiet u inizjattivi – u li jsemmgħu leħinhom dwar kwistjonijiet sostantivi permezz tal-proċess ta' referendum.

▶▶ *Għal ħarsa ġenerali u dettalji dwar l-opportunitajiet parteċipattivi fil-livell nazzjonali, żur is-sit Direct Democracy Navigator (Navigatur tad-Demokrazija Diretta) [direct-democracy-navigator.org] jew iċċekkja mas-servizzi ta' informazzjoni tal-parlament nazzjonali tiegħek.*

## L-Ewropa tiegħi: il-livell transnazzjonali

L-Unjoni Ewropea hija l-ewwel demokrazija transnazzjonali tad-dinja. Bħala ċittadin/a tal-UE, inti tgawdi minn firxa wiesgħa ta' opportunitajiet biex issemma' leħnek, billi tivvota u/jew toħroġ bħala kandidat għall-Parlament tal-UE [europarl.europa.eu], jew jista' jkollok sehem aktar dirett billi tibgħat petizzjoni (indirizzata lill-Parlament) [petiport.europarl.europa.eu] jew billi tniedi Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (indirizzata lill-Kummissjoni) [https://citizens-initiative.europa.eu/mt]. U dan mhux kollox! Aqra aktar dwar l-għodod l-oħra disponibbli fit-taqsima li jmiss, "Is-Sehem Tiegħi fl-Ewropa".

# IS-SEHEM TIEGĦI FL-EWROPA

## Merħba fix-xena l-kbira tal-politika Ewropea

Qatt daqs illum ma kienet daqstant importanti l-governanza Ewropea. Dak li jiġi deċiż fil-livell tal-UE għandu implikazzjonijiet enormi fuq il-ħajja tagħna ta' kuljum fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali. Fl-UE, ilkoll flimkien naqblu dwar kwistjonijiet bħal ftehimiet ta' kummerċ ħieles ma' pajjiżi oħra, kif għandna nikkonservaw ir-riżorsi tal-baħar tagħna u liema regoli għandhom jiġu applikati biex tiġi żgurata kompetizzjoni ekonomika ħielsa u ġusta.



Peress li l-UE hija demokrazija rappreżentattiva moderna b'sistema ta' setgħat kondiviżi u istituzzjonijiet speċjalizzati, mhux dejjem ikun faċli li ċ-ċittadini individwali tal-UE jidentifikaw, jivvalutaw u jinfluwenzaw il-proċess tat-tfassil tal-politika fil-mument ġust bl-aktar għodda effiċjenti.

Għalhekk, ejja niffamiljarizzaw ruħna mad-diversi modi kif aħna, bħala ċittadini, nistgħu neleġġu u nimpenjaw lil diversi istituzzjonijiet u nsiru partijiet ikkonċernati f'dak li għandu x'jaqsam mat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell tal-UE:

**1.** Regolarment neleġġu l-parlamenti tagħna **fil-bliet kapitali** tagħna u **fl-Unjoni Ewropea**. Hawnhekk għandek l-opportunità li toħroġ bħala kandidat/a inti stess u tikkontesta elezzjoni.

- **L-elezzjoni tal-parlament nazzjonali** hija kritika għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE peress li tinfluwenza l-kompożizzjoni tal-gvern nazzjonali (u f'ħafna każijiet il-Kap tal-Istat ukoll). Il-gvern nazzjonali stess huwa parti mill-**Kunsill Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**, tnejn mis-seba' istituzzjonijiet tal-UE. Madankollu, il-parlament nazzjonali jagħti wkoll il-fehma tiegħu fir-rigward tal-proċess leġiżlattiv tal-UE.

- L-elezzjoni tal-Parlament Ewropew (PE) hija l-aktar mezz dirett ta' influwenza pubblika fil-livell tal-UE. Matul is-snin, is-setgħat tal-Assemblea ta' 705 membri żdiedu ħafna – u issa huma f'ħafna modi ugwali għal dawk tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (magħmul mill-gvernijiet tal-Istati Membri).

**2.** L-elezzjonijiet diretti fil-parlamenti nazzjonali u Ewropej għandhom ukoll konsegwenzi indiretti: pereżempju, il-gvernijiet nazzjonali u l-Parlament Ewropew huma strumentali għat-tiswir tal-**Kummissjoni Ewropea**. Din hija l-korp eżekuttiv tal-UE, li huwa responsabbli biex jipproponi l-leġiżlazzjoni, jimplimenta d-deċiżjonijiet u jamministra l-affarijiet ta' kuljum. Anke l-kompożizzjoni ta' istituzzjonijiet oħra tal-UE, inklużi l-Qrati Ewropej, l-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, li huma korpi konsultattivi, hija msawra mid-deċiżjonijiet li jsiru mill-Ewropej fl-elezzjonijiet.

**3.** L-Unjoni Ewropea hija aktar minn sempliċement sistema ta' **governanza rappreżentattiva**; hija **demokrazija rappreżentattiva** moderna bbażata fuq il-parteċipazzjoni ta' kuljum taċ-ċittadini tal-UE. Dan il-prinċipju, stabbilit fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), għandu konsegwenzi għall-funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Fil-qosor, iċ-ċittadini tal-UE mhumiex biss fuq ix-xena l-kbira tal-politika Ewropea dakinhar tal-elezzjoni – jistgħu jsemmgħu leħinhom kuljum! Għal din ir-raġuni, l-UE stabbilixxiet ġabra komprensiva ta' strumenti parteċipattivi, li tgħaqqad flimkien liċ-ċittadini, l-istituzzjonijiet, il-proċessi marbutin mat-tfassil tal-politika u d-deċiżjonijiet.

**4.** Filwaqt li għandek id-dritt li tipparteċipa fl-affarijiet tal-UE fuq bażi ta' kuljum, ħafna minna m'għandniex il-ħin, l-għarfien u r-riżorsi biex nagħmlu dan. Għalhekk huwa importanti ħafna li tagħżel b'attenzjoni l-aħjar żmien, l-aqwa msieħba u l-aħjar strument biex issemma' leħnek b'mod effiċjenti u sostenibbli. Sabiex tagħmel dan, jista' jkollok bżonn tagħżel bejn rwol aktar permanenti (pereżempju, bħala uffiċjal elett, impjegat jew rappreżentant tas-soċjetà ċivili) jew impenn ta' darba għal kwistjoni partikolari – li f'99 każ minn 100 jista' jkun l-uniku mod biex tirrikonċilja r-rwol tiegħek bħala ċittadin attiv tal-UE mar-rwoli l-oħra tiegħek kollha fil-ħajja pubblika, privata u dik professjonali.

# KIF IĠĠIBHA ŻEWĠ

## L-idea, il-kwistjoni, il-mument, it-tim u l-għodda tiegħek

**Mela, għandek idea tajba.** Issa wasal iż-żmien għall-mistoqsijiet u t-tweġibiet inizjali tiegħek!



Issa f'idejkom iċ-ċittadini Ewropej! Jaf għandek idea tajba dwar kif tista' tibdel l-Ewropa – jew forsi sempliċement problema żgħira biex twaqqaf negozju n-naħa l-oħra tal-fruntiera. Jaf trid tniedi kampanja ewlenija kontra liġi eżistenti tal-UE – jew saħansitra trid tilmenta dwar uffiċjal tal-UE. Hemm mitt raġuni għala għandek isir ċittadin attiv tal-UE, iżda hemm xi ftit mistoqsijiet ewlenin li għandek taħseb dwarhom qabel ma tibda triqtek:

### Il-kwistjoni tiegħek: kwistjoni Ewropea?

L-Unjoni Ewropea tittratta ħafna kwistjonijiet. Wisq fil-fehma ta' xi wħud, u ftit wisq fil-fehma ta' oħrajn. Iżda, indipendentement minn din id-diskussjoni importanti, l-UE għandha lista ċara ta' kwistjonijiet ta' politika (abbażi tat-Trattati tagħha u miftiehma mill-Istati Membri kollha) li hija tittratta, b'kompetenzi esklużivi, kondiviżi jew ta' appoġġ. Għalhekk, jekk trid tindirizza kwistjoni ta' kwalunkwe tip, l-ewwel għandek tiċċekkja n-natura potenzjalment Ewropea tal-idea/il-preokkupazzjoni tiegħek. Tista' tkun kwistjoni li minflok tista' tiġi ttrattata b'mod aktar effiċjenti fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali.

### Il-mument tiegħek: il-mument opportun biex issir attiv?

Li taġixxi fiż-żmien opportun huwa kruċjali biex jirnexxilek issemma' leħnek b'suċċess. Tista' taġixxi wisq kmieni u ma jagħti kasek ħadd, jew tista' taġixxi wisq tard u d-deċiżjonijiet ikunu laħqu ttieħdu. Iżda bejn dawn iż-żewġ estremitajiet hemm tieqa kbira ta' opportunità biex issir attiv. Pereżempju, jekk trid tniedi idea pjuttost ġdida, dan jirrikjedi ħafna paċenzja u riżorsi biex tingħata attenzjoni u rispons, iżda tkun relattivament fil-libertà li tagħżel l-aħjar żmien biex tieħu azzjoni. Madankollu, jekk trid tinfluwenza diskussjonijiet pubbliċi li jkunu għaddejjin fil-livell tal-UE dwar kwistjoni partikolari, jeħtieġ li tiċċekkja f'liema stadju jkun wasal id-dibattitu fil-proċess (leġiżlattiv). Il-EUR-Lex [eur-lex.europa.eu] huwa sit web pubbliku utli ħafna għal dan il-għan. Il-portal tal-Kummissjoni Ewropea Semma' Leħnek [ec.europa.eu/have-your-say]

huwa mfassal ukoll biex jiġbor il-fehmiet f'kull stadju tal-proċedura leġiżlattiva. L-għażla tal-mument tiegħek għandha wkoll implikazzjonijiet għat-tip ta' msieħba u liema strument parteċipattiv tagħżel.

## It-tim tiegħek: azzjoni kollettiva?

Biex wieħed jindirizza kwistjoni Ewropea fil-livell Ewropew fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ikun jirrikjedi sħubija soda ma' ċittadini u/jew organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili oħra. Dan huwa għas-sempliċi raġuni li l-ewwel għandek bżonn tikkonvinċi lil ħafna oħrajn (kemm ċittadini oħra tal-UE, kif ukoll persuni fil-korpi eletti u fl-istituzzjonijiet tal-UE) qabel ma tkun tista' tagħmel impatt. Madankollu, xi kultant anke azzjoni individwali b'saħħitha u ddedikata tista' tagħmel differenza: dan huwa partikolarment il-każ meta tisfa vittma ta' amministrazzjoni ħażina, jekk tara li d-drittijiet tiegħek ikunu nkisru jew jekk sempliċement tkun innutajt kwistjoni ta' tħassib għall-pubbliku ġenerali. Min-naħa l-oħra, tista' tkun idea tajba ħafna li tipprova tilħaq kemm jista' jkun nies u bl-iżjed mod transnazzjonali possibbli minħabba li l-kwistjoni/proposta/idea tiegħek se ssib interess u rispett akbar mill-istituzzjonijiet tal-UE jekk ikun hemm tim tassew Ewropew ta' ċittadini attivi warajha. Fil-każ tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, pereżempju, saħansitra hemm rekwiżit li t-tim tiegħek irid ikun magħmul minn mill-inqas seba' ċittadini tal-UE minn mill-inqas seba' Stati Membri tal-UE differenti.

## L-għodda tiegħek: x'tip ta' parteċipazzjoni?

L-għażla tal-aħjar strument parteċipattiv disponibbli għall-kwistjoni tiegħek hija fundamentali biex tagħmel suċċess. Il-biċċa l-kbira tal-għodod huma maħsuba biex jintużaw minn għadd ta' ċittadini flimkien (jew anke l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili), iżda jistgħu jintużaw ukoll minn ċittadini individwali, bħalma huma t-tressiq ta' lmenti quddiem l-Ombudsman, l-indirizzar ta' kwistjoni transfruntiera permezz tan-network online għas-soluzzjoni tal-problemi, SOLVIT, jew it-tressiq ta'' petizzjonijiet quddiem il-Parlament tal-UE. Madankollu, strumenti parteċipattivi oħra jirrikjedu azzjoni kollettiva mill-bidu nett – bħalma hi l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Il-fatt li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-proġetti parteċipattivi fil-livell tal-UE jistgħu jiġu amministrati online jagħmilhom ħafna aktar faċli – għalkemm, minkejja li tista' ssemma' leħnek mingħajr ma tixtri bolol, f'xi punt jaf ikollok bżonn tivvjaġġa, forsi sa Brussell biex tiltaqa' ma' rappreżentant istituzzjonali jew lejn villaġġ in-naħa l-oħra tal-fruntiera fejn għandek imsieħba li jappoġġawk.

L-evalwazzjoni ta' dawn il-mistoqsijiet u l-għażla tat-tweġibiet bir-reqqa jieħdu l-ħin. Madankollu, peress li se tibdel l-Unjoni Ewropea – komunità politika transnazzjonali ta' 450 miljun persuna – il-kwalità tal-passi preparatorji tiegħek se tkun kruċjali biex tagħmel suċċess. Għalhekk, ħu ħsieb – u sir attiv/a!

# KWISTJONIJIET EWROPEJ
mill-agrikoltura sar-riċerka

## Il-kwistjonijiet Ewropej huma importanti – anke fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali



Dak li jiġri fl-UE huwa kruċjali għal kull ċittadin Ewropew – u fil-livelli kollha. U sabiex issemma' leħnek huwa kruċjali li tifhem liema kwistjonijiet Ewropej jiġu deċiżi minn min.

Skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Titolu 1) hemm tliet tipi differenti ta' kompetenzi tal-UE: esklużivi (l-UE tiddeċiedi waħedha), kondiviżi (l-UE tiddeċiedi flimkien mal-Istati Membri) u ta' appoġġ (l-UE tgħin lill-Istati Membri).



Fuq il-bażi ta' dawn is-setgħat, il-politiki jissawru minn atti ta' implimentazzjoni, regolamenti, direttivi, leġiżlazzjoni jew sempliċement deċiżjonijiet istituzzjonali mingħajr kwalunkwe impatt formali fuq il-leġiżlazzjoni. Barra minn hekk, hemm deċiżjonijiet magħmula mill-Parlament, mill-Qrati, mill-korpi konsultattivi, bħall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, b'diversi tipi ta' xpruni, impatti u konsegwenzi – anke għal livelli oħra ta' governanza.

## Kwistjonijiet/kompetenzi esklużivi tal-UE

- l-unjoni doganali;
- l-istabbiliment tar-regoli tal-kompetizzjoni meħtieġa għall-funzjonament tas-suq intern;
- il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar fil-qafas tal-politika komuni tas-sajd;
- il-politika kummerċjali komuni;
- il-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali meta dan ikun previst f'att leġiżlattiv;
- il-politika monetarja għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

## Kwistjonijiet/kompetenzi kondiviżi tal-UE

- is-suq intern;
- il-politika soċjali;
- il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;
- l-agrikoltura u s-sajd, eskluża l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;
- l-ambjent;
- il-protezzjoni tal-konsumatur;
- it-trasport;
- in-networks trans-Ewropej;
- l-enerġija;
- l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja;
- l-interessi komuni tas-sikurezza fi kwistjonijiet ta' saħħa pubblika;
- ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-ispazju;
- il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja.

## Kwistjonijiet/kompetenzi ta' appoġġ u koordinazzjoni tal-UE

- il-politiki ekonomiċi;
- il-politiki tal-impjieg;
- il-politiki soċjali;
- il-protezzjoni u t-titjib tas-saħħa tal-bniedem;
- l-industrija;
- il-kultura;
- it-turiżmu;
- l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, iż-żgħażagħ u l-isport;
- il-protezzjoni ċivili;
- il-kooperazzjoni amministrattiva.

Fuq il-bażi ta' din il-ħarsa ġenerali, inti tista' tfassal l-azzjoni tiegħek skont il-kompetenza rilevanti (esklużiva, kondiviża jew ta' appoġġ) u tqis azzjoni komplementari fil-livell nazzjonali (jew xi livell ieħor) fil-każ ta' kompetenzi kondiviżi/ta' appoġġ tal-UE. Il-proposti għal azzjoni li ma jagħmlux parti minn din il-lista komprensiva ta' kwistjonijiet Ewropej jistgħu jiffaċċjaw problemi kbar biex l-ewwel nett jitqiesu ammissibbli mill-istituzzjoni tal-UE li tixtieq tippreżentalha l-idea tiegħek.

▶▶ Aktar informazzjoni dwar id-diviżjoni tal-kompetenzi fi ħdan l-Unjoni Ewropea:commission.europa.eu/about-european-commission/what-european-commission-does/law/areas-eu-action_mt

# SETT TA' GĦODOD GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI

## Ilment, parir, konsultazzjoni, inizjattiva u modi oħra

### Il-ġabra ta' għodod għall-parteċipazzjoni transnazzjonali: kif taqbad tagħżel?

Minn mindu l-Unjoni Ewropea saret aktar minn korp intergovernattiv, fejn rappreżentanti mill-gvernijiet nazzjonali kienu jiltaqgħu biex jieħdu deċiżjonijiet bil-bibien magħluqa, tressqu proposti għal għodod parteċipattivi, ġew introdotti mekkaniżmi prattiċi u dawk eżistenti ġew riveduti biex jagħmlu ċ-ċittadinanza tal-UE attiva u d-demokrazija parteċipattiva fil-livell transnazzjonali aktar minn idea sabiħa: trid issir prattika ta' kuljum.



Għalhekk, inti u ssir attiv/a bħala ċittadin/a tal-UE u taħdem fil-livell transnazzjonali favur l-idea/it-tħassib/il-proposta tiegħek, jekk jogħġbok l-ewwel evalwa b'attenzjoni l-istrumenti parteċipattivi disponibbli fil-ġabra ta' għodod. Hawnhekk għandek dawk l-aktar importanti sal-lum:

### Ilment

jekk m'intix kuntent/a b'miżura relatata mal-UE tista' tressaq ilment formali quddiem l-Ombudsman Ewropew, li joffri formola online bl-24 lingwa uffiċjali tat-Trattati. Importanti: dan il-mezz mhuwiex miftuħ biss għaċ-ċittadini tal-UE iżda huwa miftuħ ukoll għar-residenti kollha fl-Unjoni Ewropea, inklużi n-negozji, l-assoċjazzjonijiet u korpi oħra rreġistrati fi ħdan l-UE.

▶▶ https://www.ombudsman.europa.eu/mt/home

### Pariri dwar problemi

jekk inti, bħala ċittadin/a jew negozju tal-UE (jew taż-ŻEE), tiffaċċja ostakli f'pajjiż ieħor minħabba li awtorità pubblika mhix tagħmel dak li hu mitlub mid-dritt tal-Unjoni, tista' tirrikorri għall-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tal-problemi SOLVIT previst mill-Kummissjoni Ewropea. Dan is-servizz online b'25 lingwa (il-lingwi tal-UE u n-Norveġiż) jittratta wkoll problemi b'element transfruntier li jkunu seħħew minħabba l-applikazzjoni ħażina tad-dritt tal-Unjoni mill-awtoritajiet pubbliċi fi ħdan l-Istati Membri tal-UE.

▶▶ ec.europa.eu/solvit

## Is-saħħa tal-konsumatur

jekk, pereżempju, għandek problema bid-drittijiet tiegħek bħala konsumatur jew qed tfittex kumpens għad-danni, għandek tavviċina lin-Network taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi biex tindirizza kwistjonijiet ta' prodotti jew servizzi difettużi f'wieħed mit-30 pajjiż (UE/ŻEE – il-lingwi tal-UE, in-Norveġiż u l-Iżlandiż).

▶▶ commission.europa.eu/live-work-travel-eu/consumer-rights-and-complaints/resolve-your-consumer-complaint_en

## L-edukazzjoni u x-xogħol

jekk qed tfittex opportunitajiet ta' impjieg jew ta' edukazzjoni fl-Ewropa, hemm servizz, bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE + in-Norveġiż u l-Iżlandiż, imsejjaħ EURES, in-Network tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol, li joffri għodod kemm għal dawk li qed ifittxu impjieg kif ukoll għal min iħaddem (u fil-ħarifa tal-2023 kellu mhux inqas minn 3,9 miljun post tax-xogħol battal u aktar minn miljun CV).

▶▶ ec.europa.eu/eures

## Konsultazzjonijiet

meta tħejji politika jew liġi ġdida, il-Kummissjoni Ewropea ta' spiss ħafna tniedi konsultazzjoni pubblika dwar il-kwistjoni kkonċernata. Din hija opportunità tajba biex issemma' leħnek fil-proċess uffiċjali fi stadju bikri. Tista' tirreġistra biex tiġi nnotifikat meta titnieda konsultazzjoni li tikkonċerna kwistjoni li tinteressak.

▶▶ https://ec.europa.eu/info/law/contribute-law-making_mt

## Azzjoni indiretta

hemm għadd ta' istituzzjonijiet tal-UE intiżi biex jgħinuk issemma' leħnek bħala ċittadin/a fil-livell tal-UE. Dawn l-istituzzjonijiet jinkludu l-Parlament Ewropew (u l-MEP tiegħek), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

▶▶ *Il-Parlament Ewropew:* europarl.europa.eu/at-your-service/mt/

▶▶ *Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:* eesc.europa.eu/mt/our-work

▶▶ *Il-Kumitat Ewropew tar-Reġuni:* cor.europa.eu/mt/our-work

## Petizzjonijiet

Dan huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini Ewropej: iċ-ċittadini kollha, li jaġixxu individwalment jew b'mod konġunt ma' ċittadini oħra, fi kwalunkwe ħin jistgħu jeżerċitaw id-dritt li jressqu petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Importanti: dan id-dritt jinkludi r-residenti kollha tal-UE kif ukoll l-assoċjazzjonijiet u l-kumpaniji li għandhom kwartieri ġenerali fi ħdan l-Unjoni. Il-petizzjoni tiegħek tista' tippreżenta talba, ilment jew osservazzjoni individwali dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew appell lill-Parlament Ewropew biex jadotta pożizzjoni dwar kwistjoni speċifika.

▶▶ petiport.europarl.europa.eu

## L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

din tippermetti li miljun ċittadin minn mill-inqas seba' Stati Membri tal-UE jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi leġiżlazzjoni f'oqsma fil-kompetenza tagħha. L-organizzaturi ta' inizjattiva taċ-ċittadini jkollhom sena biex ilaqqgħu l-appoġġ meħtieġ. Il-firem għandhom jiġu ċċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru u jistgħu jinġabru online. L-organizzaturi ta' inizjattivi li jirnexxu mbagħad jiġu mistiedna għal laqgħa mill-Kummissjoni u għal seduta pubblika mill-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni jkollha sitt xhur biex teżamina l-inizjattiva u tiddeċiedi kif taġixxi fuqha.

▶▶ *europa.eu/citizens-initiative/*

Inti u tqis għodda għall-azzjoni, jekk jogħġbok ipprova evalwa wkoll it-tip ta' azzjoni li beħsiebek tieħu: trid iżżid xi ħaġa ġdida fuq l-aġenda tal-UE? Jew forsi trid ittemm xi ħaġa? Forsi qed tipprova ttejjeb xi kompitu eżistenti? Inkella, għaliex ma tużax waħda mill-għodod bħala pedina għan-negozjar sabiex tikkomplementa forom oħra ta' azzjoni li tinsab involut fihom? Kif tista' tara, hemm ħafna modi kif tista' ssir ċittadin/a attiv/a tal-UE u fit-taqsima li ġejja, tista' taqra aktar dwar l-aktar għodda b'saħħitha disponibbli: l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.

# GWIDA GĦALL-IĊE

## Kif tuża l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

## L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej: l-ewwel pass lejn demokrazija diretta transnazzjonali

Din issejħet "l-akbar innovazzjoni fid-demokrazija transnazzjonali" minn mindu bdew isiru l-elezzjonijiet diretti għall-Parlament Ewropew aktar minn erbgħin sena ilu: l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Aħna, iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea, issa għandna l-istess dritt bħala maġġoranza fil-Parlament Ewropew u fl-Istati Membri li nistabbilixxu l-aġenda politika għall-kontinent kollu. Strument użat b'mod diliġenti: sa mit-tnedija tiegħu fl-2012, ġew ippreżentati aktar minn 100 IĊE.

## Dawn huma l-fatti ewlenin dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE):

- Sabiex titqies politikament mill-Kummissjoni tal-UE, IĊE għandha tkun appoġġjata minn mill-inqas miljun ċittadin tal-UE fi żmien sena minn meta jibdew jinġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, minn mill-inqas seba' mis-27 Stat Membru. Jinħtieġ għadd minimu ta' firmatarji f'kull wieħed minn dawn is-seba' Stati Membri.
- IĊE tista' ssir fi kwalunkwe qasam li fih il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tipproponi leġiżlazzjoni, pereżempju l-ambjent, l-agrikoltura, it-trasport, is-saħħa pubblika jew il-kummerċ internazzjonali.
- Sabiex titnieda inizjattiva taċ-ċittadini, iċ-ċittadini għandhom jiffurmaw "grupp ta' organizzaturi" magħmul minn mill-inqas seba' ċittadini tal-UE residenti f'mill-inqas seba' Stati Membri differenti. Il-membri tal-grupp għandhom ikunu ċittadini tal-UE.
- Inizjattiva tista' tiġi appoġġjata miċ-ċittadini kollha tal-UE li huma kbar biżżejjed fl-età biex jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew (16-il sena fl-Estonja, fl-Awstrija, f'Malta, fil-Belġju u fil-Ġermanja, 17-il sena fil-Greċja u 18-il sena fl-Istati Membri l-oħra kollha). Biex jappoġġjaw inizjattiva, iċ-ċittadini għandhom jimlew formola ta' dikjarazzjoni ta' appoġġ speċifika pprovduta mill-organizzaturi, f'forma stampata jew online.
- Fi żmien xahar minn meta tirċievi IĊE ta' suċċess, il-Kummissjoni tiltaqa' mal-organizzaturi, u l-organizzaturi jistgħu mbagħad jippreżentaw l-inizjattiva tagħhom f'seduta pubblika fil-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni tadotta tweġiba formali fi żmien sitt xhur. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tressaq proposta leġiżlattiva, tinbeda l-proċedura leġiżattiva normali.

Filwaqt li d-dritt formali li tinbeda leġiżlazzjoni pan-Ewropea jibqa' l-prerogattiva tal-Kummissjoni Ewropea waħedha, l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej tikkostitwixxi strument għall-istabbiliment tal-aġenda. Barra minn hekk twitti wkoll it-triq għall-futur tal-politiki parteċipattivi: hija aktar diretta, aktar transnazzjonali u aktar diġitali minn kull ħaġa li ġiet qabel fl-UE u ispirat lil ħafna Stati Membri biex jintroduċu strumenti għall-istabbiliment tal-aġenda simili f'livell nazzjonali.

Din hija r-raġuni għaliex l-IĊE mhijiex biss dritt ieħor għal petizzjoni, iżda hija aktar dritt ta' attivazzjoni ta' kuljum taċ-ċittadini dwar il-kwistjonijiet li jmiss li għandhom jitqiegħdu fuq l-aġenda tal-istituzzjonijiet Ewropej. Mill-2012 'l hawn, intbagħtu aktar minn 100 IĊE lill-Kummissjoni Ewropea, li rrifjutat li tirreġistra 26 minnhom peress li – fil-fehma tagħha – ma ssodisfawx ir-rekwiżiti formali kollha. F'diversi każijiet – l-IĊE biex jitwaqqfu l-ftehim TTIP u l-inizjattiva Minority SafePack, pereżempju – il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea wara obbligat lill-Kummissjoni tirreġistra l-inizjattiva.

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hija bbażata fuq qafas legali li jinvolvi t-Trattati tal-UE, il-liġi sekondarja Ewropea u l-leġiżlazzjoni nazzjonali. Filwaqt li d-diversi dispożizzjonijiet nazzjonali jirregolaw iċ-ċertifikazzjoni tas-sistemi tal-ġbir ta' firem online u l-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, l-iżjed dokumenti legali Ewropej importanti jinkludu:

- **Fondazzjoni:** Titolu II (l-Artikolu 11(4)) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), id-Dispożizzjonijiet dwar il-Prinċipji Demokratiċi; il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C83/389 tat-30.3.2010)
- **Regolamentazzjoni:** Ir-Regolament dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (UE) 2019/788 bl-Annessi (Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L130/55 tas-17.5.2019)
- **Implimentazzjoni:**
  Il-Parlament Ewropew: l-Artikoli 222 u 230 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament [europarl.europa.eu/doceo/document/RULES-9-2020-02-03-TOC_MT.html].

Nota importanti: skont ir-Regolament dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (Kapitolu V, l-Artikolu 25), għandha ssir reviżjoni uffiċjali tal-applikazzjoni ta' IĊE kull erba' snin.

▶▶ *Il-qafas regolatorju komplut tal-IĊE: https://europa.eu/citizens-initiative/how-it-works/regulatory-framework_mt*

▶▶ *Verifika u ċertifikazzjoni ta' IĊE mill-Istati Membri: europa.eu/citizens-initiative/authorities-verification-and-certification-statements-support_mt*

# L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej: Ħafna modi kif tista' tieħu azzjoni

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej xi kultant titqabbel ma' Swiss army knife: għodda ddisinjata b'mod intelliġenti, adattabbli u multifunzjonali. Peress li l-IĊE hija disponibbli għal kważi 450 miljun ċittadin tal-UE f'27 Stat Membru (u fid-dinja, jekk tkun tgħix barra l-UE bħala ċittadin tal-UE), hija indirizzat il-mod kif id-demokrazija tiġi mifhuma u taħdem fil-livell transnazzjonali.

Abbażi tal-esperjenzi tal-ewwel 100 inizjattiva mressqin mill-2012 sal-2019, fl-2020 daħlet fis-seħħ verżjoni aġġornata u aktar aċċessibbli tal-IĊE. Kwart tal-inizjattivi nċaħdu minħabba l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni stretti tar-regolament mill-Kummissjoni. Madanakollu, skont ir-regoli l-ġodda l-organizzaturi u l-Kummissjoni jingħataw aktar żmien biex isibu soluzzjoni, inkluża l-possibbiltà li jirreġistraw biss il-partijiet ammissibbli ta' inizjattiva. Jingħata wkoll aktar żmien biex issir tħejjija għall-bidu tal-ġbir tal-firem, kif ukoll tal-passi l-oħrajn kollha fil-proċess.

Fi proċess ta' IĊE, hemm tliet tipi differenti ta' rwoli: organizzatur, sostenitur, u osservatur.

**Bħala organizzatur(i)**, inti tkun fil-qalba tal-proċess, peress li tkun responsabbli għall-passi ewlenin kollha stipulati fir-Regolament dwar l-IĊE. Tkun ukoll ir-rappreżentant responsabbli fil-konfront tal-istituzzjonijiet, is-sostenituri u l-Ewropa kollha. Għal din ir-raġuni, trid tqis kollox bir-reqqa, u teħtieġ paċenzja, dedikazzjoni u komunikazzjoni intensiva u ħidma fir-rigward tar-relazzjonijiet pubbliċi.

**Bħala sostenitur** ta' IĊE, inti tintalab tikkondividi kawża Ewropea partikolari bħala waħda minn mill-inqas miljun persuna f'mill-inqas seba' Stati Membri differenti. Ir-rwol ewlieni tiegħek: li ssir firmatarju ta' IĊE, li jfisser li timla "dikjarazzjoni ta' appoġġ" bil-miktub jew b'mod elettroniku.

Jekk jogħġbok ara li qed tiffirma inizjattiva rreġistrata formalment.



Fl-aħħar nett, **bħala osservatur** jista' jkollok kurżità biex tara l-IĊE dwar xiex inhi, tkun trid tifhimha f'aktar dettall u possibbilment tkun kapaċi toffri għarfien interessanti u kummenti lill-organizzaturi, lill-midja, lir-riċerkaturi u lill-UE.

Bħala grupp ta' organizzaturi, sostenituri jew osservaturi, hemm diversi aspetti li tridu taħsbu dwarhom qabel ma tibdew, tiffirmaw jew tikkummentaw. Il-mistoqsija ewlenija hija: xi tkun trid tikseb IĊE partikolari? X'inhu l-għan aħħari? Tridu tipproponu xi ħaġa ġdida fl-Ewropa? Jew l-idea tiegħek hija li titneħħa u tiġi abolita politika partikolari tal-UE? Madankollu, ħafna affarijiet mhumiex sempliċement bojod jew suwed, tajbin jew ħżiena: jaf imnejn ikun hemm bżonn biss li jiġu aġġustati. Għalhekk, jista' jkun li tkun interessat/a l-aktar li tibdel xi partijiet ta' liġi fl-UE wkoll. Jaf ukoll tkun trid tuża l-IĊE tiegħek bħala pedina għan-negozjar biex tappoġġja proċess leġiżlattiv li jkun diġà għaddej. Jew tara l-kampanja li jmiss tal-IĊE tiegħek bħala xprun għall-ħolqien ta' network jew alleanza transnazzjonali wiesgħa? Forsi fl-aħħar mill-aħħar inti primarjament interessat/a li tiġġenera relazzjonijiet ġenwinament pubbliċi fir-rigward tal-kwistjoni jew tal-organizzazzjoni tiegħek billi tuża l-IĊE bħala għodda ta' kanvassjar? F'idejk!



Hemm ħafna modi kif tista' tieħu azzjoni b'IĊE, li tista' tużaha bħala:



- ***aċċelleratur*** sabiex tħeġġeġ lill-UE tagħmel xi ħaġa ġdida. Hawnhekk irid ikollok ħafna paċenzja peress li biex IĊE ta' dan it-tip tasal sal-aħħar, irid jgħaddi ħafna żmien. L-ewwel trid issib bażi legali adatta u li taħdem, u trid tqis id-dibattitu pubbliku dwar il-proposta tiegħek bħala l-premju ewlieni għall-isforzi tiegħek;
- ***brejk*** biex twaqqaf lill-UE milli tagħmel xi ħaġa. F'dan il-każ, iż-żmien huwa kritiku, peress li trid issib il-mument opportun biex tressaq il-preokkupazzjonijiet tiegħek b'tali mod li tikseb l-aqwa effett u appoġġ, li jfisser li għandek tiġbor il-firem malajr;
- ***valv*** bil-għan li ttejjeb il-leġiżlazzjoni attwali tal-UE. Peress li tixtieq issolvi problema partikolari billi tibdel leġiżlazzjoni speċifika, għandek bżonn iżomm l-affarijiet sempliċi. L-IĊE tat-tip "valv" ħafna drabi jkunu kumplessi wisq u diffiċli biex jiġu kkomunikati, għalhekk agħmel l-almu tiegħek biex iżżomm mal-ġist ewlieni;

- *pedina għan-negozjar* billi tuża l-proċess tal-IĊE bħala element addizzjonali sabiex tipprova tinfluwenza t-tfassil tal-politika Ewropea. Iżda qabel ma tibda IĊE bħal din, evalwa l-influwenza u l-poter politiku tiegħek b'mod indipendenti mill-inizjattiva u vverifika l-benefiċċji addizzjonali possibbli. Ara li l-intenzjonijiet tiegħek ikunu ċari fil-konfront ta' dawk li jappoġġjawk u kun af dwar l-għażla ta' rtirar ta' IĊE u l-użu f'waqtu tagħha;
- *xprun* biex tibni alleanzi u networks wesgħin fl-Ewropa. Din hija l-aktar għażla adatta meta tqis l-inizjattiva tiegħek bħala element ta' strateġija fit-tul biex tlaqqa' flimkien lill-Ewropej u/jew biex tħejji kampanja elettorali Ewropea;
- *kanvasser* biex inti u/jew il-grupp tiegħek tkunu magħrufin aħjar fl-isfera pubblika. F'dan il-każ, l-ewwel għandek tidentifika kwistjoni sostantiva adatta u li tista' tiġi kkomunikata faċilment għall-IĊE tiegħek. Għandek ukoll tkun trasparenti kemm jista' jkun dwar l-għanijiet tiegħek biex tiżgura li ma tqarraq bl-ebda persuna li tista' tappoġġjak.



Nota finali: l-IĊE toffri ħafna opportunitajiet, iżda fl-aħħar mill-aħħar kollox jiddependi mill-fehim u l-kapaċitajiet tiegħek stess inti u tevalwa l-għażliet u l-limitazzjonijiet ta' IĊE. Billi ssir taf dwar il-kapaċitajiet multifunzjonali ta' dan il-proċess parteċipattiv u transnazzjonali ġdid, tista' tiżviluppa aspettattivi realistiċi u b'hekk approċċ realistiku għall-istrateġija u l-għażliet tiegħek .

## **L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej:** l-istabbiliment tal-aġenda tal-UE f'għaxar passi

Qed taħsibha tnedix l-IĊE tiegħek stess? Dan għandu jeħodlok mill-inqas tliet snin, x'aktarx anke aktar (u pjuttost ħafna mil-lat ta' riżorsi). Madankollu, jekk tkun intelliġenti u timxi bl-akbar reqqa, il-proċess joffrilek ideat ġodda u jgħallmek ħafna lezzjonijiet – u (idealment) jippermettilek tagħmel differenza għall-Ewropa. Dawn huma l-għaxar passi ewlenin li għandek tistenna matul il-proċess tal-IĊE:

### Pass 1: L-idea.

Għandek idea, proġett jew preokkupazzjoni li tista' tinbidel f'politika Ewropea. L-ewwel nett ara jekk hemmx xi għodda oħra disponibbli, possibbilment aktar sempliċi u aktar aċċessibbli, biex issemma' leħnek dwar din il-kwistjoni. Jekk tagħżel IĊE, aqra t-tieni pass.

### Pass 2: Għarfien.

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hija proċess li jinvolvi numru ta' implikazzjonijiet legali u politiċi. Tgħallem kulma għandek tkun taf dwar l-għażliet u l-limitazzjonijiet tal-proċess fir-rigward tal-promozzjoni tal-inizjattiva futura tiegħek. Ikseb appoġġ f'dan l-istadju bikri billi tikkuntattja lill-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ara t-taqsima Appoġġ għad-dettalji). Imbagħad ipprova evalwa: l-isforz huwa ġustifikat? Jekk temmen li iva, aqra t-tielet pass.

### Pass 3: Għanijiet.

Punt ewlieni ieħor importanti qabel tieħu l-ewwel passi formali: xi trid tikseb bl-inizjattiva tiegħek u realistikament x'tista' tittama li tikseb? Iddefinixxi l-għan, l-ambitu u l-funzjoni speċifika tal-inizjattiva tiegħek. Żommha kemm jista' jkun sempliċi għal kulħadd. F'dan il-pass, jagħmel sens li tosserva aktar mill-qrib il-lezzjonijiet li tgħallmu organizzaturi ta' IĊE preċedenti.

### Pass 4: Disinn.

Il-formulazzjoni u l-ispjegazzjoni tal-proposta inizjali tiegħek għandhom jinftiehmu b'ħafna lingwi differenti u f'ħafna aktar kulturi politiċi fl-Ewropa. Issa huwa wkoll iż-żmien li tiffamiljarizza ruħek mas-sistema uffiċjali ta' ġbir tal-firem online, li l-UE tipprovdi b'xejn, u li tuża l-appoġġ kollu disponibbli.

## Pass 5: Reġistrazzjoni.

Dan huwa l-ewwel ostaklu formali għal ħafna "gruppi ta' organizzaturi", peress li trid tissodisfa ċerti kriterji sabiex tiġi rreġistrat. L-aktar ħaġa importanti hija li l-inizjattiva proposta tiegħek tkun biċ-ċar fil-kompetenza tal-Kummissjoni. Għal darb'oħra, il-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej jista' jgħinek matul dan il-pass. Imbagħad ikun wasal il-mument li tissottometti l-IĊE tiegħek fis-sit web uffiċjali, u tipprovdi titolu u l-għanijiet tal-proposta tiegħek. Skont il-bżonn li tiġi emendata u aġġornata l-proposta tiegħek, il-Kummissjoni tirreġistra (jew tirrifjuta) l-IĊE tiegħek fi żmien xahrejn sa4 xhur. Wara r-reġistrazzjoni, il-Kummissjoni tittraduċi t-titolu u l-għan tal-proposta tiegħek bl-24 lingwa uffiċjali.

## Pass 6: Il-ġbir tal-firem.

Issa jmiss l-isbaħ u, fl-istess ħin, l-itqal parti: trid tikkonvinċi lil aktar minn miljun persuna Ewropea f'mill-inqas seba' pajjiżi differenti jiffirmaw l-inizjattiva tiegħek f'inqas minn sena. Dan il-kompitu jeħtieġ li jitħejja ferm minn qabel billi jinħoloq network pan-Ewropew ta' msieħba ta' appoġġ fl-Ewropa. Wara r-reġistrazzjoni uffiċjali, irid jibda l-ġbir proprju tal-firem fi żmien sitt xhur. Kulma trid tagħmel hu li tavża lill-Kummissjoni 10 ijiem ta' xogħol qabel id-data tal-bidu li tagħżel, biex il-bidu u t-tmiem tal-fażi ta' ġbir ta' sena jkunu jistgħu jiġu ppubblikati. Kun af li se jkollok tuża formoli ta' appoġġ separati skont in-nazzjonalitajiet tal-firmatarji. Dan ifisser li l-firmatarji kollha fuq kull formola jridu jkunu ċittadini tal-istess pajjiż tal-UE.

## Pass 7: Djalogu.

Mingħajr komunikazzjoni, ħadd mhu se jappoġġjak: id-djalogu mal-persuni kollha possibbli li jaħsbuha l-istess – u anke max-xettiċi – se jkun kruċjali għas-suċċess dejjiemi tal-inizjattiva tiegħek. Għalhekk, ikkomplementa l-attivitajiet ta' ġbir ta' firem tiegħek billi tagħmel kuntatt permezz tal-midja (soċjali) u waqt avvenimenti pubbliċi. Għal dan il-pass, jagħmel ħafna sens li titgħallem minn IĊE preċedenti. In-nies li ħadmu fuqhom għandhom ammont kbir ta' esperjenza u għarfien x'jaqsmu ma' ħaddieħor.

## Pass 8: Limiti.

Qabel ma tkun tista' finalment tressaq l-inizjattiva tiegħek biċ-ċertifikazzjonijiet kollha meħtieġa quddiem il-Kummissjoni Ewropea, jeħtieġ li tiġi indirizzata firxa sħiħa ta' rekwiżiti u ostakli. L-ewwel nett, trid tressaq id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura quddiem id-diversi awtoritajiet nazzjonali fi żmien tliet xhur mit-tmiem tal-fażi tal-ġbir tal-firem. Dawn l-awtoritajiet għandhom mhux iżjed minn tliet xhur biex jivverifikaw u jiċċertifikaw il-firem. Wara li jsir dan, intom bħala l-"grupp ta' organizzaturi" jkollkom tliet xhur oħra

biex tippreparaw ħalli fl-aħħar tibagħtu ċ-ċertifikazzjonijiet lill-Kummissjoni. Dawn l-operazzjonijiet impenjattivi jitolbu li jkun hemm tim tal-amministrazzjoni sod u mħejji tajjeb għall-inizjattiva tiegħek. L-iżbalji banali jiġġeneraw spejjeż addizzjonali għolja, dewmien u frustrazzjoni.

## Pass 9: Komunikazzjoni.

It-tressiq tal-IĊE tiegħek huwa biss il-bidu ta' kapitolu importanti ieħor: il-komunikazzjoni dwar suġġett uffiċjali tal-UE, li twasslek sax-xena politika ċentrali. Wara li tiġi rikonoxxuta bħala inizjattiva ta' suċċess, ikollok opportunitajiet ġodda: f'taħditiet formali mal-Kummissjoni u f'seduta pubblika fil-Parlament Ewropew.

Fi żmien xahar mit-tressiq tal-IĊE ta' suċċess tiegħek, tirċievi stedina għal laqgħa uffiċjali mal-Kummissjoni biex tiddiskuti l-proposta tiegħek u, fix-xhur ta' wara, tirċievi stedina oħra biex titkellem f'seduta pubblika fil-Parlament Ewropew. Istituzzjonijiet oħra, bħall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-parlamenti nazzjonali kollha tal-Istati Membri kollha tal-UE, jiġu avżati wkoll. Din se tkun l-akbar opportunità tiegħek biex tikkonvinċi saħansitra aktar nies – u idealment in-nies li l-iżjed li għandek bżonn tikkonvinċi!

## Pass 10: Konklużjonijiet.

It-tmiem ta' eżerċizzju eżawrjenti, iżda nittamaw li jkun wieħed stimulanti. Tinsiex tagħmel ix-xogħol klerikali, id-dokumentazzjoni u l-evalwazzjoni – sabiex titgħallem mill-konklużjonijiet misluta (u taqsamhom). Bħala parti mit-tieni ġenerazzjoni ta' IĊE (li se tibda mill-2020), Inti se tibqa' mfakkar jew imfakkra fl-istorja.

▶▶ *Il-proċedura leġiżlattiva pass pass u l-iskeda taż-żmien: europa.eu/citizens-initiative/how-it-works_mt*

## **L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej:** jew kif tagħmel differenza

### Pro-Life Movement: One of Us (Moviment Favur il-Ħajja: Wieħed Minna)

L-inizjattiva "One of Us" (Wieħed Minna) kienet waħda mill-ewwel inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej li rnexxielha tiġbor aktar minn miljun firma. L-inizjattiva indirizzat id-dinjità, id-dritt għall-ħajja u l-integrità ta' kull bniedem minn meta jiġi konċepit. L-għan ewlieni tagħha kien li ttemm il-finanzjament mill-UE ta' attivitajiet li jinvolvu l-embrijuni umani, b'mod partikolari fir-riċerka, fis-saħħa pubblika u fl-għajnuna għall-iżvilupp. Il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li ma twettaqx ir-reviżjoni leġiżlattiva peress li qieset il-qafas leġiżlattiv eżistenti bħala adatt. L-organizzaturi apellaw kontra dan quddiem il-Qorti Ewropea – iżda tilfu.

▶▶ *Sit web tal-inizjattiva: [oneofus.eu](oneofus.eu)*

▶▶ *Reġistru uffiċjali tal-IĊE: [europa.eu/citizens-initiative/initiatives/details/2012/000005_mt](europa.eu/citizens-initiative/initiatives/details/2012/000005_mt)*

### Protect the Animals: Stop Vivisection (Nipproteġu l-Annimali: Le għall-Vivisezzjoni)

L-inizjattiva "Stop Vivisection" (Le għall-Vivisezzjoni) kellha l-għan li twaqqaf b'mod gradwali l-esperimenti fuq l-annimali. Il-kampanja kienet appoġġjata minn alleanza mifruxa mal-UE kollha ta' aktar minn 250 grupp tal-ħarsien tal-annimali, organizzazzjonijiet xjentifiċi u kumpaniji li jbigħu prodotti "mingħajr moħqrija tal-annimali" – u rnexxielha tiġbor l-appoġġ ta' aktar minn 1.17 miljun ċittadin tal-UE. Il-Kummissjoni Ewropea qablet mal-konvinzjoni tal-organizzaturi li l-ittestjar fuq l-annimali għandu jitwaqqaf b'mod gradwali, iżda m'aċċettatx li prinċipji xjentifiċi jinvalidaw il-"mudell tal-annimali".

▶▶ *Sit web tal-inizjattiva: [stopvivisection.eu](stopvivisection.eu)*

▶▶ *Reġistru uffiċjali tal-IĊE: [europa.eu/citizens-initiative/initiatives/details/2012/000007_mt](europa.eu/citizens-initiative/initiatives/details/2012/000007_mt)*

## Banning Pesticides: Stop Glyphosate (Projbizzjoni tal-pestiċidi: Inwaqqfu l-Glifosat)

L-IĊE "Stop Glyphosate" (Inwaqqfu l-Glifosat) tnediet f'Jannar 2017 u kellha tliet għanijiet: li tipprojbixxi l-glifostat, li tirriforma l-proċedura tal-approvazzjoni tal-pestiċidi u li tistabbilixxi miri obbligatorji għat-tnaqqis fl-użu tal-pestiċidi fl-UE kollha. L-għan ewlieni tagħha kien li jkollna futur mingħajr pestiċidi. L-organizzaturi laħqu l-limitu ta' miljun persuna f'inqas minn sitt xhur! Minkejja li l-Kummissjoni għażlet li ma tipprojbixxix il-glifostat, hija impenjat ruħha favur proposta leġiżlattiva li żżid it-trasparenza fl-evalwazzjoni tal-pestiċidi sabiex tiżdied il-kwalità u l-indipendenza tal-istudji xjentifiċi li huma l-bażi tal-valutazzjonijiet imwettqa mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel. Il-Kummissjoni impenjat ruħha wkoll li tirrevedi d-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli.

▶▶ *Sit web tal-inizjattiva:* *[stopglyphosate.org/](stopglyphosate.org/)*

▶▶ *Reġistru uffiċjali tal-IĊE: europa.eu/citizens-initiative/initiatives/details/2017/000002_mt*

## Right to Water: A Human Right (Id-dritt għall-Ilma: Dritt tal-Bniedem)

Din l-inizjattiva, li tnediet mit-trade unions fl-Ewropa, kienet waħda mill-ewwel li qatt ġew reġistrati, fl-10 ta' Mejju 2012. L-għan kien li l-Kummissjoni Ewropea tiġi mistiedna tipproponi leġiżlazzjoni li timplimenta d-dritt tal-bniedem għall-ilma u s-sanità, kif rikonoxxut min-Nazzjonijiet Uniti, u l-provvista tagħhom bħala servizzi pubbliċi essenzjali għal kulħadd. L-għan ewlieni tal-kampanja kien li l-leġiżlazzjoni tal-UE għandha tirrikjedi lill-gvernijiet nazzjonali jiżguraw u jipprovdu liċ-ċittadini kollha biżżejjed ilma tax-xorb nadif u sanità. Il-Kummissjoni għażlet li tieħu azzjoni f'oqsma differenti relatati mal-inizjattiva (żieda fit-trasparenza, stimulazzjoni tal-innovazzjoni, eċċ.) u għamlet proposta leġiżlattiva biex tiġi riveduta d-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb, inkluż obbligu li l-Istati Membri jiżguraw aċċess għall-ilma għall-iżjed gruppi vulnerabbli.

▶▶ *Sit web tal-inizjattiva:* *right2water.eu*

▶▶ *Reġistru uffiċjali tal-IĊE: europa.eu/citizens-initiative/initiatives/details/2012/000003_mt*

## Minority SafePack: Protecting Diversity in Europe (Minority SafePack: Il-Ħarsien tad-Diversità fl-Ewropa)

Kif diġà jissuġġerixxi l-isem ta' din l-inizjattiva, l-IĊE "Minority SafePack" ipproponiet pakkett sħiħ ta' miżuri lill-Kummissjoni, li kien fih aspetti bħall-promozzjoni ta' lingwi aktar rari, il-protezzjoni ta' minoranzi nazzjonali u programmi ta' riċerka dwar il-benefiċċji tad-diversità lingwistika u kulturali fl-Unjoni Ewropea. Tnediet inizjalment fl-2013, u r-reġistrazzjoni tagħha ġiet irrifjutata mill-Kummissjoni, deċiżjoni li erba' snin wara ġiet annullata mill-Qorti Ewropea. Sar-rebbiegħa tal-2020, din l-IĊE mbagħad ġabret aktar minn miljun firma. Fit-tweġiba tagħha, il-Kummissjoni qieset li l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni u l-politiki diġà fis-seħħ fihom innifishom huma b'saħħithom biżżejjed biex jappoġġjaw l-għanijiet tal-inizjattiva u għalhekk ma pproponiet l-ebda att legali.

▶▶ *Sit web tal-inizjattiva:* *minority-safepack.eu*

▶▶ *Reġistru uffiċjali tal-IĊE:* *https://europa.eu/citizens-initiative/initiatives/details/2017/000004_mt*

## Stop Extremism: Support Human Rights in the EU (Inwaqqfu l-Estremiżmu: Nappoġġaw id-Drittijiet tal-Bniedem fl-UE)

Din l-inizjattiva, irreġistrata fis-sajf tal-2017, tistieden lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi Direttiva ġdida Kontra l-Estremiżmu, li jkun fiha definizzjoni newtrali ta' estremiżmu, irrispettivament mill-motivazzjoni tiegħu, u li tkopri l-"atti mmirati lejn il-qerda tad-drittijiet fundamentali" kollha, kif ukoll tinkludi projbizzjonijiet kontra l-estremisti fl-iskejjel u f'istituzzjonijiet pubbliċi oħra. Direttiva Ewropea f'dan il-qasam għandha tippermetti wkoll li jsiru talbiet għal kumpens, ispirati mil-liġi eżistenti kontra d-diskriminazzjoni, biex jiġu mħarsa b'mod effettiv in-nisa, it-tfal u l-persuni fuq xogħol. Wara sena ta' ġbir ta' firem, l-organizzaturi ħabbru li kienu ġabru aktar minn miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ. Fil-ħin li nkiteb dan id-dokument, din l-IĊE kienet qiegħda fil-proċess li jiġu vverifikati d-dikjarazzjonijiet tagħha ta' appoġġ.

▶▶ *Sit web tal-inizjattiva:* *stop-extremism.eu*

▶▶ *Reġistru uffiċjali tal-IĊE:* *https://europa.eu/citizens-initiative/initiatives/details/2017/000007_mt*

## End the Cage Age: Aiming at Higher Animal Welfare (Intemmu l-Era tal-Gaġġa: Nimmiraw Għal Benessri Akbar tal-Annimali)

Din l-IĊE talbet lill-Kummissjoni timponi leġiżlazzjoni ċara kontra l-gaġeġ fl-Unjoni Ewropea sabiex tingħata prijorità lil trattament aktar uman tal-bhejjem tar-razzett. B'mod partikolari, l-organizzaturi xtaqu jipprojbixxu l-użu tal-gaġeġ għat-tjur tat-trobbija kollha, u maqjel individwali għall-majjali u għall-għoġġiela eċċ., sabiex jiġi żgurat li l-annimali jkollhom il-libertà tal-moviment u jkunu jistgħu joqogħdu qrib xulxin fil-qatgħat u l-merħliet tagħhom. L-IĊE End the Cage Age tressqet quddiem il-Kummissjoni Ewropea f'Ottubru 2020. Il-Kummissjoni wieġbet fit-30 ta' Ġunju 2021, u impenjat ruħha li tressaq proposta leġiżlattiva sa tmiem l-2023 biex telimina gradwalment u finalment tipprojbixxi l-użu tal-gaġeġ għall-ispeċijiet u l-kategoriji kollha ta' annimali msemmija fl-inizjattiva.

▶▶ *Sit web tal-inizjattiva:* *endthecageage.eu*

▶▶ *Reġistru uffiċjali tal-IĊE: https://europa.eu/citizens-initiative/initiatives/details/2018/000004_mt*

## Politika ta' koeżjoni għall-ugwaljanza bejn ir-reġjuni u s-sostenibbiltà tal-kulturi reġjonali

L-organizzaturi ta' din l-inizjattiva jitolbu li tingħata attenzjoni speċjali lir-reġjuni b'karatteristiċi nazzjonali, etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi li huma differenti minn dawk tar-reġjuni tal-madwar fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni.

Ir-reġistrazzjoni ta' din l-inizjattiva inizjalment ġiet irrifjutata mill-Kummissjoni fl-2013, deċiżjoni li ġiet annullata mill-Qorti Ewropea sitt snin wara. L-organizzaturi rrappurtaw l-appoġġ ta' 1 414 175 ċittadin fi tmiem il-perjodu ta' ġbir f'Mejju 2021 (l-iskadenza ġiet posposta minħabba l-pandemija tal-COVID-19). Il-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għadha pendenti.

▶▶ *Sit web tal-inizjattiva: www.nationalregions.eu*

▶▶ *Reġistru uffiċjali tal-IĊE: https://europa.eu/citizens-initiative/initiatives/details/2019/000007_mt*

## Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa! Lejn agrikoltura favur in-naħal għal ambjent b'saħħtu

Din l-inizjattiva, li ġiet irreġistrata f'Settembru 2019, taħdem favur is-sostenibbiltà ambjentali u soċjoekonomika tal-agrikoltura Ewropea permezz ta' tliet għanijiet: l-eliminazzjoni gradwali tal-pestiċidi sintetiċi sal-2035, ir-restawr tal-bijodiversità fl-agrikoltura u l-appoġġ lill-bdiewa fit-tranżizzjoni lejn biedja sostenibbli. Fit-tweġiba tagħha ta' April 2023, il-Kummissjoni laqgħet u rrikonoxxiet l-importanza ta' din l-inizjattiva ffirmata minn 1 054 973 ċittadin. Wara li evalwatha, hija qieset madankollu li l-proposti tal-Patt Ekoloġiku Ewropew li diġà saru jipprovdu rispons komprensiv għall-objettivi tal-inizjattiva. Il-prijorità kienet għalhekk li jiġi żgurat li dawn il-proposti jiġu adottati mill-koleġiżlaturi (il-Parlament u l-Kunsill) u implimentati minnufih.

▶▶ *Sit web tal-inizjattiva:* [*https://www.savebeesandfarmers.eu*](https://www.savebeesandfarmers.eu)

▶▶ *Reġistru uffiċjali tal-IĊE:* [*https://citizens-initiative.europa.eu/initiatives/details/2019/000016_mt*](https://citizens-initiative.europa.eu/initiatives/details/2019/000016_mt)

## Stop Finning – Stop the trade (Waqqaf it-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar – Waqqaf il-kummerċ)

Din l-inizjattiva tirrifletti t-tħassib pubbliku dwar is-sostenibbiltà tas-sajd u l-kummerċ tal-klieb il-baħar madwar id-dinja, u fl-istess ħin tistieden lill-Kummissjoni tieħu żewġ azzjonijiet: twaqqaf il-kummerċ fl-UE tal-pinen tal-klieb il-baħar separati u testendi r-Regolament li jipprojbixxi t-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar (l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu tal-pinen tal-klieb il-baħar separati). Wara li kisbet l-appoġġ ta' 1 119 966 firma, il-Kummissjoni laqgħet l-inizjattiva f'Lulju 2023 u impenjat ruħha li tieħu azzjoni biex teżamina l-opportunità li tieħu inizjattiva leġiżlattiva, li tibda valutazzjoni tal-impatt u ttejjeb l-istatistika rilevanti, kif ukoll li tinvolvi ruħha mal-imsieħba internazzjonali.

▶▶ *Sit web tal-inizjattiva:* [*https://www.stop-finning-eu.org*](https://www.stop-finning-eu.org)

▶▶ *Reġistru uffiċjali tal-IĊE:* [*https://citizens-initiative.europa.eu/initiatives/details/2020/000001_mt*](https://citizens-initiative.europa.eu/initiatives/details/2020/000001_mt)

## Nippreżervaw il-kożmetiċi li ma jinvolvux krudeltà – Nimpenjaw ruħna għal Ewropa mingħajr l-ittestjar fuq l-annimali

Peress li ma nżammitx il-wegħda ta' Ewropa li fiha l-annimali ma jibqgħux ibatu u jmutu minħabba l-kożmetiċi, l-organizzaturi ta' din l-inizjattiva appellaw għal bidla leġiżlattiva biex tiġi protetta u msaħħa l-projbizzjoni tal-ittestjar fuq l-annimali fil-kożmetiċi, tiġi ttrasformata l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi u tiġi mmodernizzata x-xjenza biex jiġi eliminat gradwalment l-ittestjar kollu fuq l-annimali fl-UE. Il-Kummissjoni laqgħet l-inizjattiva, appoġġjata minn 1 217 916 firma, irrikonoxxiet li t-trattament xieraq tal-annimali jibqa' tħassib serju għaċ-ċittadini Ewropej u enfasizzat ir-rwol ewlieni tal-UE fis-suġġett. Ser tniedi pjan direzzjonali ta' miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi biex ikompli jitnaqqas l-ittestjar fuq l-annimali u fl-aħħar mill-aħħar tinkiseb sistema regolatorja li tkun kontra l-użu tal-annimali b'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi.

*Sit web tal-inizjattiva:* [https://crueltyfreeeurope.org/save-cruelty-free-cosmetics](https://crueltyfreeeurope.org/save-cruelty-free-cosmetics)

*Reġistru uffiċjali tal-IĊE:* [https://citizens-initiative.europa.eu/initiatives/details/2021/000006_mt](https://citizens-initiative.europa.eu/initiatives/details/2021/000006_mt)

## Fur Free Europe

Din l-inizjattiva, appoġġjata minn 1 502 319 firma vverifikata, ġiet ivvalidata f'Ġunju 2023 bħala l-10 IĊE li kellha suċċess. L-inizjattiva Fur Free Europe għandha l-għan li tipprojbixxi t-trobbija ta' annimali għall-pil u l-prodotti magħmula mill-pil ta' dawn l-annimali mis-suq Ewropew bil-liġi minħabba l-prattiki krudili, mhux etiċi, mhux sikuri u mhux sostenibbli tagħhom. Il-Kummissjoni Ewropea bħalissa qed tirrevedi l-inizjattiva u għandha tweġibha sa nofs Diċembru 2023.

*Sit web tal-inizjattiva:* [https://furfreeeurope.eu](https://furfreeeurope.eu)

*Reġistru uffiċjali tal-IĊE:* [https://europa.eu/citizens-initiative/initiatives/details/2022/000002_mt](https://europa.eu/citizens-initiative/initiatives/details/2022/000002_mt)

# PONT TRANSNAZZJONALI

## Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew




Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) huwa wieħed mill-eqdem istituzzjonijiet tal-UE, li twaqqaf bit-Trattat ta' Ruma fl-1957. Il-Kumitat huwa magħmul minn 329 membru mill-Istati Membri kollha tal-UE, li jirrappreżentaw lil min iħaddem, lill-impjegati u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Bl-enfasi tiegħu bħala korp konsultattiv fuq kwistjonijiet demokratiċi, ir-rwol tal-KESE ssaħħaħ dan l-aħħar, fejn sar il-pont ewlieni bejn is-soċjetà ċivili Ewropea u l-istituzzjonijiet tal-UE. Fi kliem ieħor, il-KESE llum joffri infrastruttura ta' appoġġ importanti għaċ-ċittadinanza attiva u għad-demokrazija parteċipattiva.

Matul il-perjodu inizjali tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, il-KESE kien minn tal-ewwel biex joħloq infrastruttura ta' appoġġ informali għaċ-ċittadini attivi madwar l-UE, inklużi konsulenza ġenerali, għajnuna fit-traduzzjoni u organizzazzjoni ta' seduti fil-KESE għall-IĊE li jkunu qed jitfasslu. Il-biċċa l-kbira ta' dawn is-servizzi issa huma parti mill-obbligi regolatorji meħtieġa mill-istituzzjonijiet tal-UE bħall-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea.

Bħala l-iżjed istituzzjoni ta' appoġġ għaċ-ċittadini esperjenzata tal-Unjoni, il-KESE jkompli jipprovdi informazzjoni, gwida u pjattaformi lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-gruppi ad hoc ta' ċittadini attivi impenjati li jagħmlu lill-Ewropa post aktar soċjali u demokratiku fid-dinja. Mill-2012 'l hawn, il-KESE ospita l-konferenza annwali, Jum l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (magħruf fil-qosor bħala Jum l-IĊE) fi Brussell, li toffri punt fejn jiltaqgħu b'mod miftuħ u liberu l-professjonisti u l-attivisti tal-IĊE fl-Ewropa.

▶▶ *eesc.europa.eu/eci-day*

Barra minn hekk, il-KESE jistieden lill-IĊE ta' suċċess jew kważi ta' suċċess għas-sessjonijiet plenarji tiegħu u lill-IĊE li għadhom għaddejjin għal-laqgħat tas-sezzjonijiet u tal-gruppi tiegħu bħala forma ta' kontribut biex jiżdied id-djalogu bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-UE u biex l-inizjattivi jsiru magħrufa aħjar fl-isfera pubblika Ewropea. Dawn l-istediniet inkludew l-inizjattivi ***Stop Glysophate*** (2017), ***Minority SafePack*** (2018), ***Stop Extremism*** (2019), ***End the Cage Age***, u ***Eat ORIGINal, Unmask your Food*** (2020), ***Save Bees and Farmers*** (2022) u ***Fur Free Europe*** (2023).

Minbarra din l-edizzjoni tal-2023 tal-"Passaport għad-Demokrazija Ewropea" tal-KESE, huma disponibbli għadd ta' pubblikazzjonijiet u servizzi oħra bi 23 lingwa [eesc.europa.eu/eci].

# AKTAR APPOĠĠ

## L-appoġġ issibu kullimkien – kulma għandek tagħmel huwa li tużah

Bħala ċittadin/a tal-Unjoni Ewropea, litteralment m'intix waħdek. Hemm aktar minn 450 miljun persuna bħalek. U lanqas m'inti waħdek biex tirċievi appoġġ mill-gvern u mis-soċjetà ċivili biex issemma' leħnek. Fost il-ħafna riżorsi disponibbli, nirrakkomandaw l-l-appoġġ, il-gwida u l-midja transnazzjonali fl-Ewropa li ġejjin:

## Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

Il-**Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej** huwa pjattaforma kollaborattiva online li toffri appoġġ liċ-ċittadini fi stadji differenti tal-organizzazzjoni ta' Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Il-forum jipprovdi informazzjoni prattika dwar l-IĊE u jippermetti lin-nies jiddiskutu l-politiki tal-UE u inizjattivi potenzjali. Dan jgħinhom ukoll fl-istadji bikrin tal-organizzazzjoni, mit-tiftix ta' msieħba f'pajjiżi oħra sat-tiftix ta' konsulenza esperta dwar kif tmexxi kampanja, kif tiġbor il-fondi u dwar kwistjonijiet legali. L-għan huwa li titrawwem interazzjoni bejn organizzaturi potenzjali, ċittadini u esperti dwar is-suġġett tal-IĊE. Il-Forum tal-IĊE huwa servizz offrut mill-Kummissjoni Ewropea, u huwa mmexxi mis-Servizz ta' Azzjoni għaċ-Ċittadini Ewropej (ECAS).

▶▶ *europa.eu/citizens-initiative-forum/*

Il-**Help Desk dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewrope**j jagħti pariri u appoġġ lil ċittadini u organizzazzjonijiet fl-UE li qed jaħsbuha jibdewx inizjattiva. Dan il-Help Desk indipendenti huwa ospitat mill-Assoċjazzjoni għall-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej stabbilita minn eks organizzaturi u organizzatturi attwali ta' IĊE. Il-Help Desk jappoġġja IĊE individwali b'kampanji, ġbir ta' fondi u pariri legali.

▶▶ *citizens-initiative.eu*

Il-**Librerija Online tal-IĊE**. L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej għandha storja interessanti li tmur lura għall-ewwel snin tal-Unjoni Ewropea fid-disgħinijiet (wara t-trasformazzjoni formali tagħha minn kooperazzjoni ekonomika għal unjoni politika). L-Istitut Ewropew tal-Inizjattivi u r-Referendums, li ġie stabbilit fl-2001 biex jassisti bl-iżvilupp tal-IĊE, ġabar l-aktar pubblikazzjonijiet importanti online u – fuq talba – jista' jiggwidak għal aktar riżorsi.

▶▶ *iri-europe.org/index.php/publications/european-citizens-initiative*

## Demokrazija Parteċipattiva

Is-**Citizens' App tal-Parlament Ewropew** hija applikazzjoni online għall-ismartphones li toffri informazzjoni dwar suġġetti u postijiet ta' interess għalik. Din tinformak dwar avvenimenti li se jsiru viċin tiegħek; iżżid il-favoriti tiegħek fil-kalendarju personali tiegħek; turik l-aħjar rotta permezz tal-applikazzjoni tal-mapep favorita tiegħek; tipprovdi kontenut multimedjali bħal vidjows, podcasts u slideshows; tista' tfittex u taqsam kontenut; u tista' tiġi ppersonalizzata u kklassifikata. Disponibbli fl-Apple Store u f'Google Play b'24 lingwa (Citizens' App).

▶▶ https://www.europarl.europa.eu/at-your-service/mt/stay-informed/citizens-app

Id-**Democracy Community** hija network transnazzjonali ta' sostenituri tad-demokrazija ospitat minn Democracy International. Il-pjattaforma hija miftuħa għal kulħadd għal skopijiet ta' informazzjoni, edukazzjoni u networking u toffri stejjer parteċipattivi u opportunitajiet ta' avvenimenti. Tista' tirreġistra ruħek/l-organizzazzjoni/l-istituzzjoni tiegħek u toħloq profil li juri li tappoġġja d-demokrazija.

▶▶ democracy.community

Is-**Servizz ta' Azzjoni għaċ-Ċittadini Ewropej** huwa organizzazzjoni internazzjonali bi sħubija pan-Ewropea. Il-missjoni tal-organizzazzjoni hija li tissaħħaħ il-pożizzjoni taċ-ċittadini sabiex tinħoloq Unjoni Ewropea aktar inklużiva u b'saħħitha billi tippromovi u tiddefendi d-drittijiet taċ-ċittadini u tiżviluppa u tappoġġja mekkaniżmi li jżidu l-parteċipazzjoni demokratika taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet taċ-ċittadini fl-UE u flimkien magħha.

▶▶ ecas.org

Il-pjattaforma **Participo** pprovduta mill-OECD (l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi). Hawnhekk tista' ssib kull xorta ta' informazzjoni dwar ir-riċerka u l-prattika tad-demokrazija parteċipattiva u diretta fil-livelli politiċi kollha. Il-pjattaforma hija parti mill-isforz tal-OECD li teżamina l-bidliet fil-ħsieb fundamentali li qed isiru mill-idea ta' gvern rappreżentattiv tradizzjonali għal demokrazija rappreżentattiva moderna.

▶▶ oecd.org/gov/innovative-citizen-participation.htm

## Iċ-ċittadini u l-ġurnaliżmu

Il-**Euractiv** jgħaqqad iċ-ċittadinanza attiva Ewropea mal-ġurnaliżmu professjonali online u joffri stejjer, opinjonijiet, analiżijiet u informazzjoni ta' sfond dwar dak kollu li qed jiġri fix-xena politika fl-Ewropa bi 13-il lingwa: l-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, it-Taljan, iċ-Ċek, il-Bulgaru, il-Grieg, il-Kroat, il-Pollakk, ir-Rumen, is-Serb, l-Ispanjol u s-Slovakk.

▶▶ *euractiv.com*

Ir-rappurtar dwar id-demokrazija parteċipattiva u diretta moderna huwa l-kompitu ewlieni tal-**pjattaforma #deardemocracy ta' Swissinfo**, is-servizz internazzjonali tal-korporazzjoni Żvizzera tax-xandir. Din toffri aħbarijiet, opinjonijiet u informazzjoni ta' sfond dwar iċ-ċittadinanza attiva u d-demokrazija parteċipattiva fid-dinja b'10 lingwi: l-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, l-Ispanjol, l-Għarbi, ir-Russu, iċ-Ċiniż, il-Portugiż, it-Taljan u l-Ġappuniż.

▶▶ *swissinfo.ch/directdemocracy*

# Notes

Din il-pubblikazzjoni hija verżjoni aġġornata tal-Passaport għad-Demokrazija Ewropea li ġie rriċerkat u nkiteb minn Bruno Kaufmann, korrispondent ta' Global Democracy u kopresident tal-Forum Globali dwar id-Demokrazija Diretta Moderna. Kuntatt: send@brunokaufmann.email.

**Kumitat Ekonomiku
u Soċjali Ewropew**

Rue Belliard/Belliardstraat 99
1040 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

**www.eesc.europa.eu**

*Printed by the EESC-CoR Printing and Distribution Unit, Belgium*

EESC-2023-85-MT

© L-Unjoni Ewropea, 2024
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.
Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratt / grafika, il-permess
għandu jintalab direttament mid-detentur tad-drittijiet tal-awtur.
© Shutterstock, eamesBot

*Print*
QE-02-23-324-MT-C
ISBN 978-92-830-6351-3
doi: 10.2864/070234

*PDF*
QE-02-23-324-MT-N
ISBN 978-92-830-6360-5
doi:10.2864/038822

MT